# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.
*Giebha żeug dac li gharaf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**156.** **9 ta' SETTEMBRU 1911.** **IT-TIELET SENA**

FTEHIM.

**Hadd ma jista jissieħeb għal ankas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

# IL CALIFORNJA.

Irrid nibda biex infehimcom x'jafu jaghmlu pajjisi oħra biex ijghaddu il kuddiem ħalli tintebħu chemm ghadna mitlufa fi nghas aħna li jidhrilna li ma bkajna xejn l-ura f'il progress ta'd-dinja.

F'San Francisco hemm Xirca imħallsa u miżmuma m'il Gvern ta'l Californja, u msejjħa « *The Development Board* » illi id-dmir taghha hu li tmixxi il kuddiem il pajjis billi tfihem lil cullħadd liema ġid jista jicseb minnu. Dina ghandha post cbir u sabiħ. F'ŭaħda m'is-sŭali cbar tieghu iżżomm «Esposizjoni Permanenti» iġifieri cull stat ta'l Californja ghandu ir-rokgha tieghu u fiha issib m'hux biss il mappi, l-istampi, ir-ritratti, il cotba il gazzetti collha li jitħaddtu fuk dac li Stat iżda ucoll cull xorta ta' frottijiet, ta' xoghlijiet, ta' minerali li jati- dac l-Istat. Ghalhecc jecc ijfettillec li tmur tokghod fl-Istat ta' Alameda ma tmurx fih b'il ghamad fuk ghajnejc u ŭara titkarrak u tindem iżda kabel tista tmur f'dana id-«*Development Board*» u l-impjegati li hemm imħallsin apposta jfiehmuc ħaġa b'ħaġa dac li jakbillec tcun taf u jghidulec huma ijghoddx ghalic jeŭ le.

Jecc per esempju trid toħlok industrija bi flusec, jeŭ trid ticcoltiva xi frott jeŭ xi ħxejjex, huma malajr ijfiehmuc fejn jakbillec tarma, fejn hemm ħafna bħalec u fejn hemm ftit jeŭ ħadd, chemm trid flus u chif ghandec ticcorda; fi ftit cliem issib cull ghajnuna u cull ftuħ ta'l ghajnejn u bla kerk ta' xejn ghaliex l-impjegati ta' hemm huma collha imħallsin m'il Gvern u m'hux m'il privati.

Mela jecc tmur tkatta ġurnata f'dina l-Esposizjoni Permanenti tara taħt ghajnejc mifruxa f'iċ-ċocon il Californja collha; tifhem malajr fejn huma il muntanji, il ŭiedien, ix-xmajjar, il bliet, il vapuri-ta'l-art, il fabbrichi u ta' hix inhuma. Tara liema industriji hemm ġa, liema jonksu, liema jħallu il flus, chemm, fi ftit cliem dac collu li ŭieħed ijrid u jixtiek ijcun jaf kabel jinżara f'pajjis u jħaddem flusu fih.

Ta dina il ghajnuna collha ħadd ma jħallas xejn u ghandec sa l-imŭejjed fejn takra u ticteb dac li jcolloc bżonn. Cotba u mappi fuk il pajjis u l-industriji tieghu jatuc ad-doċċ b'xejn ghalic u biex tkassam lil ħbiebec ucoll. U ghal daŭc li ma jafux jakraŭ tliet darbiet cull jum ijsiru m'il impjegati conferenzi issa fuk stat u issa fuk ieħor, issa fuk industrija u issa fuk oħra biex cull min ijrid ijcun jista jmur jisma u jitghallem b'xejn. B'hecc il Californja kieghda ticber u cull min ijmur hemm ijghaddi il kuddiem ghaliex ijsib min jiftaħlu ghajnejh u jghinu.

Chiecu f'Malta il Gvern xi darba joħlom li jaghmel xi ħaġa bħal din pajjisna chien jista jghaddi ŭisk actar il kuddiem. Il Mużeŭ ta'l antichità li ghandna hu ħaġa sabiħa ħafna u b'il mod kieghed jicber ġmielu u jiġbed ħafna frustieri biex jaraŭ u jistudjaŭ dac li fih. Iżda chiecu bħal ma jsiru ħafna spejjes f'is-sena hemm, chien ŭieħed ijżomm dar li fiha jcun hemm sponut m'hux biss dac li jati il pajjis iżda dac li jista jati ucoll, fejn ŭieħed chien ijmur u ijsib minn ijfieħmu bla ma jkarrak bih f'hiex jista jonfok flus biex ijcattarhom, liema prodotti jista jdaħħal f'Malta u chif, u chiecu lil cull passiġġier li jidħol hemm ġeŭ jatuh b'xejn libretti bl-ilsien tieghu fuk il cummerċ, il prodotti u l-industriji taghna, chiecu ŭieħed chiecu jista jkankal ħafna affarijiet ġodda ma Malta u b'hecc jaghmel ġid cbir lill pajjis.

fiħa u li ma taghmelx ħsara, daks il *vera*. Il microbŭ ta'l *colera-nostras* jissejjaħ *coli-bacillu*. Xi drabi il colera nibtet ucoll f'iċ-Cina u f'il Gżira Sonda mnejn ixxerdet f'artijiet oħra.

L-eŭŭel darba li deħret il colera chien f'id-19 t'Aŭŭissu 1817 f'Jessore fl-Indja u kerdet sitt elef ruħ; biċċa cbira minnhom ŭakghu mejjta chif chienu miexjin f'it-torok. Bakghet sejjra sa'ċ-Cina, il Gappun, il Filippini, Żanżibar u Astrakan.

It-tieni darba, fl-1832, bakghet dieħla fl-Eŭropa m'ir-Russja u ixxerrdet sa'l America ta' Fuk. Fi Franza biss kerdet ma'l mitt elf ruħ! Ghafset seŭŭa ucoll l-Eġittu u l-Africa ta' Fuk.

It-tielet darba telket minn Laħore, fl-Indja, u ixxerrdet fl-Eŭropa u l-America ucoll. Fi Franza nkerdu 110,000 ruħ. Dan ġara fl-1848. Tliet snin ŭara reġghet f'ir-Russja ixxerdet fl-istess pajjisi ta' kabel u fi Franza kerdet 144,000 ruħ. Fl-1865 l-Eġittu tilef 60,000 ruħ billi minn Ġedda daħlet fi Sŭez.

Is-sena l-oħra, scond il calcolu ta'l Prof: Chantemesse u Borel, f'ir-Russja il colera laktet 214,000 ruħ li minnhom kerdet nofshom; f'it-Turchija mietu 5000. Daŭna il Professuri ippruvaŭ kuddiem l-Academie de Medicine ta' Pariġi li xi nies li chien ilhom li telku m'il pajjis fejn chien hemm il colera ĦAMSA U GHOXRIN ĠURNATA, ghad li chienu invistati chemm il darba m'it-tobba, mardu b'il colera. Dana jurina b'iċ-ċar li il curantina ta' ĦAMES t-ijiem li saret f'Malta ma fejn hemm il colera ma hix ħlief ĦRAFA u DAĦK-F'IL-ŬIĊĊ. *Des individus ayant quitté depuis* VINGT-CINQ A TRENTE JOURS *un foyer d'infection, plusieurs fois visités par des medicines sanitaires, restent infectés qualquefois.*» Dan krajnih f'il «*Journal de la Santé.*»

Scond ma jgharrafna il famus zoologu A. Beaveu f'il «*La Presse Medicale d'Egypt*» ta'l 15 ta' Settembru li ghadda tmien t-ijiem kabel tidħer il colera f'dac il pajjis il ħuttaf collu jinġabar f'katgha u jaħrab f'pajjis ieħor. L-actar ma tixxerred hu ma l-ilma (Hebert). Xi dakkiet tixxerred b'id-dubbien ucoll (Simonds, Tsukuki). Is-suŭed ijmutu actar malajr. It-tfal ma tmisshomx daks il cbar. Ijmutu ma's-sittin f'il mija milli jimirdu. Li tchessħu żakkcom b'il-lejl jaghmel ħażin ħafna fi żmien il colera. Metchnikoff u Kitasato ilhom ħafna jitħabtu biex ijsibu sieru iżda ghadhom ma ŭaslux. Rimedju tajjeb hu li issaħħan chemm tiflaħ lil marid minn ġeŭŭa u minn barra u li toghroclu chemm tiflaħ ġismu bl-ispirtu ta'l ganfra sa jeghrek seŭŭa. Ma'l gharak joħorġu il veleni ta'l marda u jiġi il fejkan.

## TLAKKIT.

—F'id-dinja haŭn ma' dŭar elf u ħames mitt miljun nies. Chiecu jatuc ħabba biss cull ŭieħed tiġbor is-somma sabiħa ta' 520,833 lira sterlina, sitt xelini u sitt soldi. Chiecu toktolhom ŭieħed cull minuta seconda, trid, bla ma tistrieħ xejn lejl u nhar ghal disgha u erbghin sena biex tasal fl-aħħar ŭieħed. In-numru ta'l irġiel u in-nisa hu tista tghid l-istess.

—Bejn ŭieħed u ieħor il ħajja ta'l bniedem hi tŭiela tlieta u erbghin sena biss. M'il erbgha ŭaħda ta'n-nies ijmutu kabel ijlaħħku il ħmistax il sena. Fuk cull ghaxar t-elef ruħ ŭieħed biss ijlaħħak il mitt sena, u ŭieħed biss cull hames mija ijlaħħak it-tmienin. B'collox ijmutu tlieta u tlietin miljun, u tlieta u tlietin elf f'is-sena, iġifieri ŭieħed u disghin elf, tmien mija u erbgha u sebghin cull jum, jeŭ tliet elef seba mija u ħamsin cull siegha, sittin cull minuta jeŭ ŭieħed cull minuta seconda. Mela nistghu nghidu li ma cull tectica ta'l arloġġ tmur ruħ gha'd-dinja l-oħra.

## IT-8 TA SETTEMBRU

**(1565-1911)**

> .... Ma la gran prova fu serbata pel dì 15 luglio... circa 3000 marciano verso la fronte della Senglea, mentre gran numero di barche, regolate da Candelissa, avanzano per disbarcar gent nel lido.....
> VASSALLO—*Storia di Malta, pag. 525.*

### — NOVENARI —

**Oħorġu mil kobra minsija,**
**o Kraba felħana u rebbieħa:**
**oħorġu ŭisk actar kaŭŭija**
**biż-żina tar-rand u tad-demm:**
**barrani ma itiesef katt gieħha**
**ix-xafra li slittu fil ħemm!**

**Uliedcom igeldu bl' imħabba**
**il laħam li tilfu ġenbejcom,**
**jicsucom bil gharak li xabba**
**fil ħarxa taktigha li sŭar;**
**ix-xŭabel jatucom f'idejcom,**
**irjuscom ilibbsu bl'azzar!**

**Fejn intom?..Istenbħu! Mal ktajja**
**tar-rgiel u taż-żghażaħ, kalbiena**
**jindafru tad-dmija fil ġrajja**
**ix-xŭejjaħ, in-nisa u it-tfal:**
**u, imkabbda mal chiefra bla-ħniena,**
**ħadd mincom ma jibka battàl....**

**O ħeġġa tal-ghageb! Sbandoli,**
**żift jismot u ċriechi micŭija**
**iħarbtu bħal xita mil gholi**
**l'eghdeŭŭa fil baħar u fl'art:**
**cull-ŭieħed jieħodha ma mija,**
**bi żrara jindarab il fart!** (*)

**O siegha 'tal killa! O ħrara**
**li tŭerŭer! Imkaddsa ħoġġieġa**
**micbusa fil klub tal insara**
**bil cotra tal Fidi u tal Gieħ!**
**O xhieda ghad-dinja meħtieġa**
**ta nisel maħkur u rebbieħ!**

**Imrażżan mil ħerra maltija,**
**id-Dib li chien gie biex jiblaghcom**
**katt iżjed tal Gżira mifdija**
**ma jirfes ix-xtajta b'riġlejħ!**
**Katt iżjed, katt iżjed, la maghcom**
**Mulejna ried jiftaħ idejħ!**

**Araŭħ, Dac li kal «Min bħal Alla»**
**u ħarrab l'imxeŭŭxa mis-Sema,**
**ir-rebħa biex lilcom ikalla**
**dehrilcom imtajjar mas-sħab:**
**jecc sidru ghalicom hu ħema,**
**min jista ibeŭŭiscom it-trab?...** (**)

**U il-fuk, il-fuk actar, imdaŭŭla**
**bid-dija ħanina ta Cristu,**
**araŭha bla sabar imtaŭŭla**
**l'Imbierca Sultana tar-rebħ!**
**Il Malta mil jasar hecc ħlistu,**
**Ghaliha ta Malta cull sebħ!**

**G. MUSCAT-AZZOPARDI.**

(*) Jinghad li Rajjes Candlissa (grieg maklub torc—ghas-saħħa u il chefrija tieghu, imlakkam *il-fart,* jigifieri *il-ghendus*) giè midrub minn tifel bi sbandola, chif chien jiccmanda il battalja, taħt is-suar tal Isla.

(**) L'Isla, fi żmien il guerra tat-Toroc, chien jisimha *Forti San Michiel:* u jinghad li dan l'Arcanġlu deher, uakt il battalja tal 15 ta lulju, jati b'xabla fl'ajru.—L'isem ta *Mi-cha-el* meħud mil chelmiet *Min-bhal-El* (QUIS UT DEUS—Min bħal Alla): il chelmiet li bihom San Michiel ħàdha mal Anġli *l'imxeuuxa* u checcihom mis-Sema.

li ma bħalu. Ġiet imfejjka u bla medicini xejn billi ma xorbotx ħlief ilma. Ġisimha ma nakasx actar minn dac ta' daũc li ma tul il marda jitimghuhom u minn dana Dr: Dewey fehem ucoll li lill morda allavolja jitimghuhom in-Natura ma tħaddemx l-ichel u tghaddih biex il marid jibka jghix fuk ġismu sa ma jfiek.

Dan il fejkan ta' dina it-tifla tah x'jaħseb u billi Dr: Dewey chien raġel gharef ħatna u ma chienx jiccura il morda biex idaħħal il flus ta'l vista biss ried jaf chif ġara dac il fejkan u ħabbel rasu minn hain u ħabbel rasu minn hemm üara bosta snin intebaħ x chienet il biċċa u b'hecc kabad dic it-triek it-tajjba li minnha ghad ijridu jimxu il morda collha biex ijfieku.

* * *

F'il faċċata 30, Dr: Dewey ijsemmi il cas ta' ibnu ta' tliet snin li maradlu b'id-**difterite.** It-tobba li ġeü jaraüh riedu jatuh medicini, *whisky* u x'naf jien. Dr: Dewey ma riedx, saüüma u ħalla l'in-Natura taghmel fattiha hi. Ibnu fiek f'il ħin li erbgha oħra li chienu morda fl-istess triek taħt il cura ta' tobba oħra carcruhom iċ-cimiterju. Ma tul il marda collha ma chienx jatih ħlief ftit ilma meta chien ijħoss il ghatx tasseü.

* * *

F'il faċċata 34 Dr: Dewey ijsemmi il cas ta' mara li chienet mitnija minn ħafna xhur b'netħa kaüüija ta' **reumatismu** b'ugiegh li jxokk il ghadam u li chellhom ijħennuduh ftit b'il morfina. Dr: Dewey saüüimha u bdiet titjieb tant li xahar üara niżlet fuk il pultruna. Nhar is-**sitta-u-erbghin jum** sebħet tajjba ħafna u ħasset il ġuħ u katt f'ghomorha collu ma chielet il ħobż b'il butir, b'il kalb daks dic inhar. Imxiet bosta ċmamar u sa ftit xhur üara tellghet m'il ġdid **erbghin libbra pis**.

* * *

F'il faċċata 35 insibu il cas ta' tfajjel niexef ta' erba snin li chien xorob il potassa caüstica li chienet ħarkitlu u gharrkitlu l-istoncu tieghu. Ghalhecc ma chien jista jiecol xejn u malli chien ijdaħħal imkar fih ftit ilma chien minnufih ijcheċċih il barra. Miet üara **ħamsa-u-sebghin ġurnata** li chien ilu ma jdaħħal xejn fl-istoncu tieghu billi il ħruk li chien fih dana chien aħrax üisk u ghalhecc ma laħakx fiek. Iżda baka f'sensih sa'l aħħar ghad li chien sar ghadma u ġilda li jġiblec ħniena.

* * *

L-istess ħaġa ġrat lil tifel iehor ta' 4 snin daksu li dam **tliet xhur sħaħ** sa chemm il moħħ chiel iż-żejjed ta'l ġisem. Dana jurina ċar li biex il moħħ jaħli il maħżun li jcun hemm ijrid żmien tnil ħafna u li dejjem sa'l aħħar jibka b'sensih.

* * *

Cas ta'l ghaġeb iehor ijsemmi Dr: Dewey f'il faċċata 41 ta'l ctieb li ghidna. Ħu ir-Reverendu Dr: Merchant ta' Meadville f'il Pennsylvanja ta'l America chien daħal fl-armata americana f'il Güerra ta'r-Ribelljoni meta chien jiżen **mija-disgha-u-ħamsin** libbra. Dana marad bl-istoncu u bl-imsaren hece bl-icreħ li inselħulu u ghalhecc ma sata jdaħħal l-ebda ichel fihom. B'dana gholob tant li meta katghu kalbhom minnu ghal collox u baghtuh biex ijmut f'daru chien jaħchem coxxtu bejn sebghu-il-cbir u ta' ma ġenbu. Id-dar dam ħajj ghaxar t-ijiem oħra u moħħu baka dejjem ċar sa'l aħħar tant li f'dic l-istess ġurnata li miet fiha chien kieghed jirraġuna fuk qüestjonijiet l-actar imħabbla. Meta miet üiżnuh u sabulu il pis ta **sittin-libbra biss**, iġifieri li ma tul il marda collha chien tilef **disgha-u-disghin libbra pis.** Scond Dr: Merchant dana ħuh ma chienx trejjak ghal l-aħħar ERBA XHUR, iżda Dr: Dewey ijghidilna li scond il fehma tieghu moħħ dana il marid ħa żmien itüal biex chiel mitt libbra sustanza. Iżda iż-żmien ġie mkassar ghaliex minn imsarnu chien dejjem ijneħħi demm li chiecu ma tilfux chien jitma il moħħ bih u jġieghlu jtaüüal actar. L-aüturi jghidu li il bniedem ijmut meta jitlef l-erbghin f'il mija ta'l pis normali tieghu. Dr: Chossat sab l-istess ħaġa fl-annimali. Issa dana ħu Dr: Merchant chien ijrid ijcun kasir ħafna ghal suldat biex jiżen ghallankas mija-u-ghoxrin libbra. Iżda anche jecc il pis tieghu chien hecc baxx meta baka nieżel sa sittin libbra jiġi jcun tilef il ħamsin f'il mija sa ma miet u kassar billi tilef id-demm minn imsarnu. Dana jurina b'iċ-ċar chemm il bniedem ma jmutx malajr chif ġieb u laħak b'il ġuħ. Bniedem ta'l gholi u il pis tieghu ijrid jitlef 85 libbri sa jinżel f'sittin li il moħħ jrid biex jiccunsmaħom actar minn tliet xhur żmien!

(*Tissocta*)

# PADRE MAESTRO SANTO GRECH

4. *Alcuni mesi dopo la di lui morte, andato a Palermo, il testimonio suddetto Mro. Giuseppe Coeti, e portatosi a S. Cita a visitare il Pre. Maestro Bonfiglio, alla Porteria di quel Convento fu incontrato da uno di quei Padri, il quale dopo d'avergli domandato chi ivi cercasse, ed a qual Paese il Coeti appartenesse: inteso che colui era di Ciminina, esclamò: «Oh da quanto tempo ho desiderato di parlare con qualchè Ciminnese» a cui essendo arrivata la fama della vita, e cose che si raccontavano del Pre. Grech, e della sua morte ancora, volle averne rapporti dei fatti; molto più quando intese, che Coeti essere stato affezionatissimo dello stesso Servo di Dio, e di questo Convento, e testimonio de facto sulle cose che si narravano del Pre. Grech, e poichè quel Padre di S. Cita stiede ad accoltare Coeti con attenzione, alla fine proruppe; «Conservino quel corpo perchè un giorno sarà ricercato, e dite a tutti i vostri concittadini, di conservare quel corpo, che un giorno sarà ricercato» e questi detti corrono in bocca di questo popolo sino oggi giorno, e si vuole che quel Religioso Padre sia stato un'altro buon Servo di Dio, ma se ne ignora il nome, perchè Coeti non avvertì a domandarlo sul momento: Qualche altra persona del Signore fuori di questa Città diede ad altri la medesima avvertenza.*

5. *Dicesi inoltre che alcuni anni dopo la morte di Santo, venuto in questa a visitarlo per divozione un Cittadino Palermitano, occultamente gli tolse un piccolo osso dal corpo, ma appena scorsero tre giorni tornò a fretta, e con lagrime di pentimento, ripose lo stesso osso nella parte medesima del corpo da dove l'aveva tolto. Alcuni però sono di avviso che quel Cittadino Palermitano, pativa un male, e che gli tolse un dito; ma tornò dopo tre giorni a restituirlo al suo posto, perchè invece il male aggravò più.*

6. *Rinnovatosi ai presenti giorni, in occasione del malore da cui questa Città fu esente, la divozione con più fervore in questa popolazione verso il Santo* * *di Dio Grech, tutti gli si raccomandavano con fiducia di essere liberati da qualsivoglia male, e pericolo, e continuamente sarebbero corsi ad accendervi lampade e ceri, se ciò non fosse stato impedito, siccome corrono tutti in folla a visitarlo nella stessa sepoltura dove adesso giace con molta divozione, e con lagrime.*

7. *Il ragazzo Dn. Giuseppe Trapani del Dr. in Medicina Dn. Franco. di anni 11 l'anno scorso 1854 pativa dolore fierissimo in un dente molare, che per lo rammarico faceva mettere compassione a sentirlo. Verso le quattro ore della notte gli si accostò al letto il di lui fratello Pre. u Franco., esortandolo a raccomandarsi al Pre: Maestro Grech, ed il ragazzo innocente nella sua semplicità promise di accenderli la lampade, o un cero, e gli si raccomandò colla recita di un Pater Noster divotissimo invocandone l'intercessione ed una divota Ave Maria alla SSma. V. del Rosario, ciò fatto si addormentò, ed il domani si svegliò senza nessun dolore; nè mai più l'ha sentito in seguito. Lo stesso ragazzo è stato divolgatore, e predicatore di questa sua ottenuta grazia.*

8. *Mro. Ignazio Raimundo Lullo Padre di numerosa famiglia, il quale sostenta col lavoro delle sue mani, trovavasi nella fine del 1854 in articolo mortis, il figlio maggiore sconsolatissimo nella comune tristezza della famiglia, il raccomandò istantemente con calde lagrime al nostro Santo, ed il Padre subito migliorò, e s'alzò dal letto dell'agonia dopo tre giorni, con ammirazione di tutta la Città.*

9. *Nel medesimo anno 1854 Catarina Traina, e la Maura intesa la Marica partorì due bambini, ma il primo partorì, al secondo correva rischio di vita, stando tre giorni senza poter darlo alla vita, ma il terzo giorno appostagli sul petto la reliquia d'un pezzetto d'abito del Servo di Dio Grech, che conserva Arcangelo Speziale felicemente partorì.*

(*Tissocta.*)

* N.B.—Secondo il senso invece di «Santo» dev essere «Servo,» ma intanto il manoscritto porta «Santo».

E. ASCIAK.

# IS-SAĦĦAR FALZUN.

*( Jissocta minn numru ta' kabel. )*

Ambroġ ħabat jitħanfes, jitħaŭŭad, ijmil biex ijŭebbes rasu u joħroġ bla cliem xejn il barra. Iżda is-Sur Kalamias ħataflu idu ġo idejh u għażżeżhielu chemm felaħ, u Ambroġ malli xeħet għajnejh fuk ŭiċċu u kara fuku l-aħħar faċċati ta'l ħajja ma taħx il mal li jŭieġħu ħażin. Patri Damjan, fi ftit cliem, fieħmu min chien Ħamid u tistgħu taħsbu chif inbalagħ fih in-nifsu Ambroġ meta sar jaf li ġo' ġisem Ħamid chien jiġri id-demm tiegħu stess. Xtak jaf actar u Patri Damjan tarraflu chemm chien tasseŭ ta' min jitħassru u m'hux min jaħkru dac l-imsejchen żagħżugħ li ħallas il-laħam ta' ħtija oħra ta' niesu u li hu ta dakka t'id biss lil Carmena għax ħass lejha dic il ġibda safja u chienet kiegħda tnissel fih il krubija ta' demmu.

Id Ambroġ cheshet f'iden is-Sur Kalamias, niżżel leħitu fuk sidru u ma għaraíx x'għandu jŭieġeb. Ŭaka issa bħal għamad minn fuk għajnejh li fieħmu ċar ħafna ħŭejjeġ li kabel ma chien katt ħabbel rasu bihom, u stagħġeb chif f'id-dar katt ma ħalleŭhom jintebħu b'xejn. Ċaklak rasu u Patri Damjan intebaħ li dic chienet it-turija ta'r-rebħa. Berraħ malajr il bieb, sejjaħ b'il għaġla lil Ħamid li tala jiġri u xeħtu għa'r-rcopptejh f'riġlejn Ambroġ chif chienu ftieħmu. Ħamid jirtogħod minn fuk s'isfel kabad l-id l-oħra ta' Ambroġ u f'il ħin li biesielu, xarrabhielu b'id-dmugħ u ħalifiu li hu chien imkarrak m'il Cavalier De Saqueville għaliex hu katt ma xtiek ħlief ġid l-actar cbir lil l-imsejcna Carmena.

F'il ħin daħal it-Tabib Xara ma' Rużanna u Marija għaliex Patri Damjan chien bagħat għalihom chiss in chiss ma' Ħamid billi is-Sur Kalamias xejn ma chien jogħġbu. Malli daŭna feħmu x'chienet il biċċa għinu chelma seŭŭa u b'ittraħħim u b'iż-żiegħil ŭaslu biex ix-xŭejjaħ għakkdilhom idejhom ŭaħda ġo l-oħra fuk soddet-meŭtu u bierichom. Patri Damjan xerred ucoll fukhom il barca tiegħu u faccarhom li Cristu dejjem ħafer lill għedeŭŭa tiegħu.

Iżda Ambroġ rafa ŭiċċu lejn Patri Damjan u, b'leħen sħiħ, kallu:— «Jiena ħlift fuk id missieri mejjet li għandi nitħallas m'il Cavalier De Saqueville talli kereduli b'il għalja ta' Carmena u dic il ħalfa ma irridx narġa l-ura minnha.»

—«U jiena» kabeż kal minnufih Ħamid «ħlift fuk ġbin oħtoc Carmena mejjta, ma l-eŭŭel u l-aħħar beŭsa li tajtha, li għandi ucoll nitħallas minnu talli karrak hecc bl-icreħ biha u bija, u lankas jien ma bi ħsiebni narġa l-ura minn dic il ħalfa hecc sħiħa tiegħi.... »

—«Mela iltkajna f'feħma ŭaħda» kallu Ambroġ b'il ħrara. «Aħlef issa lili m'il ġdid li għandec tgħinni u tagħmel cull ma tista biex naslu xi darba li nitħallsu minn dac il chiefer meta jarġa jiġi »

—«Naħlifulec u b'kalbi collha» tenna Ħamid «u nitma li jiena indaħħlu f'dic il mansba li għadu ma irnexxielecx li iddaħħlu fiha int.»

—«U lili issibuni dejjem u f'collox magħcom» kallhom il Baruni Gaŭci li daħal jilħeġ f'dac il ħin u laħak l-aħħar cliem tagħhom.

Is-Sur Kalamias baka mixrub ijħares lejhom u ħadd m'il oħrajn li chien hemm, lankas Patri Damjan stess, ma sata jsib chelma ŭaħda biss biex jitlob maħfra għal dac il chiefer Raħeb ta' S. Ġŭann li chien seŭŭeb fuk dic il familja dac il ħrieb u dac in-nichet collu.

Meta Patri Damjan ħa ftit ta'r-ruħ minn dic il ferħa u minn dic id-deħxa collha ħabat sejjer ijberridhom b'xi chelma tajjba, iżda x'ħin tafa għajnejh fuk is-Sur Kalamias rah li chien tbiddel għal collox u li chemm chemm chien kiegħed jieħu in-nifs. Għemeż l'it-Tabib Xara li b'ċaklika ta' rasu kal bħalu u għalhecc Patri Damjan libes l-istola li chien ġieb f'butu u beda jroxxlu l-ilma imbierec li sab fejn ras is-sodda u jgħidlu, bi ħrara l-actar cbira, l-aħħar talbiet għall ruħu. Collha inxteħtu għa'r-rcopptejhom u bdeŭ ijgħidu il-litanija u jitolbu huma ucoll għall ruħu biex tiġi milkugħa f'il Ġenna fejn chien jistħokkilha tmur għall għamil tajjeb tiegħu. Dam xi nofs siegħa jaría, għanejh incseŭ b'iż-żliega, íuk il bajda leħitu iċċarċar ftit lgħab ta'l meŭt, sfar, chesaħ, sogħol u ruħu ittajret għa'd-dinja l-oħra f'il ħin li chien għadu b'idejh ijżomm magħkudin sħiħ l-idejn ta' Ambroġ u ta' Ħamid f'il ħalfa kalila tagħhom. Dic il ferħa cbira li-rahom isseŭŭeŭ chienet kaŭŭija ŭisk għall kalbu u ġie miet biex ijcompli jxerred dac il ġid lil għajru li dejjem għamel f'ħajjtu chemm chienet tŭila.

Tistgħu taħsbu chemm bcheŭh u chemm għeleŭ għalih ta' Falzun, Marija, Patri Damjan u saħansitra xerred xi demgħa ucoll it-Tabib Xara għaliex fih chienu tilfu tasseŭ l-acbar ħabib li chellhom. Iżda fuk cullħadd l-actar li ħasset ħarxa dic id-dakka ta' tgħan kalil chienet l-imsejcna kalb ta' Ħamid li tilef fih ħabib li ħabbu daks missieru. Cheffnuh hu u Ambroġ u il Buruni u Patri Damjan kagħdu jfarrġu lil Rużanna u il Marija m'il aħjar li setgħu għad li klubhom chienu imniccta xejn ankas minn tagħhom. It-Tabib ħareġ biex jakdi barra dac li chien jinħtieġ biex ma jiċċaklak minn hemm ħadd minnhom. Saħru miegħu il-lejl collu u l-għada sa ħaduh għa'd-difna il Catidral, ġriet nofs Malta bi ħġarha għaliex chien maħbub minn cullħadd tasseŭ. L-aħjar nies marru ŭarajh u kuddiem nett imxeŭ Ambroġ u Ħamid, flimchien, b'moħħhom imsammar dejjem f'il ħalfa li għamlu ġo idejh li għandhom għalenija jitħallsu m'il karrieki De Saqueville. Ambroġ ġabar lil Ħamid f'daru b'Sidor b'collox, għal ftit ġranet, ħalli ma jħalluhx ŭaħdu jitbecca b'dic it-tarbija, u għaddeŭ ħafna u ħaína snin sa chemm tbiel fuk fommhom l-isem imbierec ta'l ħanin xŭejjaħ rodjott, il ħabib għażiż tagħhom Ġanni Kalamias.

## XXXII.

## IT-TIEĠ TA' MARIJA.

Ħamid katta il ġranet ta'l vistu għand ta' Falzun u tistgħu taħsbu chemm tfarrġu Rużanna u Marija meta raŭ li fl-aħħar irnexxiet ix-xeŭka cbira ta' cullħadd li jberrdu l-Ambroġ u jħabb'buh m'il ġdid ma'l imnicchet Ħamid. U actar ferħu bih meta Ambroġ tarrfilhom min chien Ħamid u chif ŭasal f'darhom bla ma huma katt chellhom xamma ta' dana xejn.

Rużanna riedet taf dina il praspura collha minn għandkudha u għalhecc Ħamid, billi f'daŭc il ġranet ma chellux x'jagħmel, kagħad ijtennilhom, chelma b'chelma, dac collu li chien kallu Patri Damjan. Biss, billi dina chienet tebgħa oħra m'hux ankas cherħa fuk it-tarca tagħhom ftieħmu li ma għandhom ijżerżku l-ebda tarf ta' chelma ma ħadd biex dic il borma tibka mistura u cullħadd jibka jaħseb bħal kabel li Żulejka ma chienetx ħlief irsira imgħammda u Ħamid barrani minnhom. Bakgħu b'ħalkhom miftuħ meta saru jafu li Fatma ta' Musulmet, dic li rabbiethom collha żgħar ma' dŭarha, ma chienetx u la torca u lankas irsira f'dar il Ħachem iżda biss il kaddejja Peppa iż-Żurriekija li chienet bakgħet b'kalbha marbuta sa l-aħħar ma karibithom Colina Abela. Ambroġ sama minn fommu ucoll chif ġrat il ħarba ta' Carmena u feħem li Ħamid chien imkarrak bħal ma chienet ġiet ucoll imkarrka oħtu u li il ħtija il cbira chienet biss ta dac il misħut Raħeb ta' S. Ġŭann il Cavalier De Saqueville. *(Jissocta.)*

## THE BRITISH CONFECTIONERY

### 16F STRADA FLEUR-DE-LIS 16F

### BIRCHIRCARA.

Ngharrfu lil clientela taghna illi dana id-depost ta'l ħelu ma ghadux izjed fil Vallone-Birchircara, imma m'il-lum il kuddiem jinsab ghal cumdità ta' cullħadd fi Strada Fleur-de-lis No. 16F, (kuddiem li' Stazjon ta'l Ferrovija.)

Jinsab armat pulit, nadif u fornit b'cull xorta ta' Gallettini, Perlini, Cioccolati, Mustardini u minn cull xorta ta' ħelu ieħor.

Jinsab ucoll Sapun ta's-Sunlight u ta'l Carbolic u lamtu, Cocotina u oggetti oħra, li jinbighu l'a ngrossa, bl'uzin u bl-imnut ucoll.

Inservu bl'aħjar TE' ta' «Ceylon» li hu ippremjat b'bosta midalji ghall qualità superjuri tieghu.

Collox frisc, fin u garantit Inseruu lill ħûienet ta'l Belt u ta'l Campanja, ta' Malta collha, u il prezzijiet huma moderati tasseŭ. Ippruvaŭ u taraŭ il verità.

Giuseppe Fenech & Co.—Proprietarji.

### SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso javża lill clientela tieghu li biex ijcun jista jakdiha aħjar minn Raħal Ġdid niżel jokghod il Belt, fil Strada Stretta Nu. 156, cantuniera ma' Strada San Giovanni u fejn hu armat b'cull xorta ta' ghodda moderni u m'il aħjar biex ijcun jista jaghmel bridge u crown work, u xoghol fuk il metal chif ijmiss u bi prezzijiet moderati tasseŭ.**

*Sejjer Johrog'*

## IR-RUH NISRANIJA
## KUDDIEM GESU' SACRAMENTAT

### SIEGHAT TA' ADORAZJONI

TA'L

### CAN: TEOL: LUIGI VELLA, D.D.

TA GHAŬDEX.

Dina l-eŭŭel taksima ta' dana il ctieb tant sabiħ u meħtieġ ghal min ijrid ijsalva ruħu sejjra toħroġ gha't-tieni darba billi l-eŭŭel ħarġa inħatfet fi żmien kasir, ghad li minnha chien ġie stampat ghadd cbir ta' copji. Eilli ħafna talbu lill imfaħħar chittieb b'il malti Can: Vella dana tħajjar jiġbor l-imsieħbin biex jecc ijsib b'iż-żejjed jarġa joħroġha. Ma dac li chien fiħ kabel bi ħsiebu jżid xi ħaġ' oħra. Jcun ijkum xelin u erba soldi mal cunsinja u ghal min ma jcunx imsieħeb actar. Il-legat u indurat xelin u ghaxar soldi: Min jissieħeb fi tnax il copja jieħu uaħda oħra b'xejn.

Min ijrid jissieħeb jista jicteb ucoll lili jeŭ lil Can: Vella, Strada Sabina, Città Vittoria Ghaŭdex. Dana il ctieb ta' chittieb tant gharef nirraccomandahulcom b'kalbi collha.

Min ijrid jixtri macna ta't-tħin u ta'l ghaġin moderna *uso Napoli* jmur fejn hi kieghda, Strada Reale, No. 10, f'Ħa'ż-Żebbuġ.

# TÈ TA CEYLON
# 'MARAVILLA'

## IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI
## TAD-DEHEB

GHAL

## KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

## JINBIEGH 1s. 8d. & 1s. 10d. IR-RATAL

GHAND L'AGENTI F'MALTA

# C. CAMILLERI & SONS

## 50 u 51 Strada Mercanti il Belt

CAMPJUNI TA DAN IT-TE' JINTGHATAU B'XEJN.

# BRITANNIA

## STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &ec.**

BRITANNIA




BRITANNIA

INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caŭba.**
**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

BRITANNIA

---

Biex tinzammu b'sahhitcom

# IPPURIFICAU
# BIDDLU
# u SAHH'HU

DEMMCOM

BID

# DEPURATIV RICHELET

Daŭc collha li jridu jiccuraŭ rŭieħhom u jinżammu dejjem b'saħħitom minngħajr ma jinħakru b'cull xorta ta' mardijiet għandhom jieħdu DARBTEJN jeŭ TLIETA fis-sena minn din il medicina DEPURATIV RICHELET li jista jingieb minn għand dan is-sinjur:—

Monsieur L. RICHELET, 13, rue Gambetta, SEDAN (Franza).

Haŭn Malta jinxtara minn għand **L-Ispizzjar Alfredu Cumbo** ta' Strada Rjali, 26. Il Belt.



Min hu marid bl-ANEMIJA (fakar ta'd-demm) u jrid ijfiek F'GHOXRIN ġurnata jieħu

**L'ELIXIR**
**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ŭara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaŭŭi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaŭŭija. Daŭna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaŭh fukhom stess jeŭ fuk xi ħadd ieħor u ħargu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**
**267, STRADA REALE.**

---

# Is-Sur Raff: Bonello

## TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

**(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)**

għandu għal bejh cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħŭejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, forniment ta't-tŭiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daŭl kaŭŭi u sabiħ ŭisk u ħafna ħŭejjeġ oħra bħal daŭn ta'l aħjar qŭalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaŭ biex taraŭ chif toħorġu cuntenti sgur.

---

MIN IJRID IJNADDAF IR-RAM JEŬ METALLI OHRA BI RHIS HAFNA, B'LUSTRU M'IL ISBAH U MINN GHAJR EBDA PERICOLU TA' HRUK GHALIEX MA FIHX NAFTA BHAL L-OHRAJN NIRRACCOMANDALU IL

## METAL POLISH "PHONIX"

LI JINBIGH GHAND L-ISPIŻŻJAR ALFREDU CUMBO TA' STRADA REALE, KUDDIEM IL CLUB, IL BELT, GHALIEX META IPPRUVAJTU SIBTU TAJJEB TASSEŬ, IRHIS U BLA PERICOLU LI TISTGHU TINHARKU BIH.

---

# IS-SECLU TA'N-NERVI.

**Hecc sejjaħ is-seclu tagħna il għaref Prof: u Senatur Mantegazza, u b'ir-raġun collu għaliex il-lum ma haŭn ħadd li ma hux maħsus b'in-nervi u l-actar b'il misħuta**

## NEVRASTENIJA

**li kiegħda iġġorr nies il Manicomju gozz, gozz. Għalhecc l-aħjar tobba kiegħdin jitħabtu biex ijsibu cura seŭŭa għal dina il marda għaliex tcun ta' gid bla tarf. Hafna ipprŭvaŭ iżda ħadd ma irnexxa daks il għaref u imfaħħar**

## Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**li ŭara studju cbir sab il famus**

## ANTINEVROTICU

**li kiegħed ijfejjak jeŭ jagħmel il gid lil cull min jużah.**

**F'Malta dan ijbigħu**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**
TA' STRADA RJALI, TA'L BELT
**IPPRUVAŬH GHALIEX MA JIBDIELCOMX!**

---

In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien, il Furjana.